**Fit-Tribunal Industrijali**

# Decizjoni Numru 1852

Fil-kwistjoni tax-Xoghol Nru 2437 fl-ismijiet: -

Josephine Attard Sultana

u

1) Tony Zarb (Segretarju Generali), Gejtu Mercieca (Deputat Segretarju Generali Taqsimiet u Amministrazzjoni), Salv Sammut (President), Michael Parnis (Deputat Segretarju Generali Internazzjonali, Edukazzjoni u Ricerka) u Helen Mallia (Vici-President), ilkoll komponenti l-Amministrazzjoni Centrali tal-General Workers' Union (GWU) u ilkoll membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-General Workers' Union (GWU), in rapprezentanza tal-istess Amministrazzjoni Centrali u l-Kunsill Nazzjonali;

2) General Workers' Union.

***Dwar: Tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta***

**Chairman: Dr. Joseph P. Bonnici, LL.D., Adv. Trib. Eccles.Melit**

**Illum 18 ta' April 2008.**

Illi l-intimati talbu lil dan it-Tribunal jissopprasjedi in vista li gie prezentat rikors kostituzzjonali dwar il-komposizzjoni tat-Tribunal.

Illi r-rikorrenti opponiet tali talba stante li ma hemm l-ebda lok u/jew gustifikazjoni ghaliha.

Illi jinghad illi l-intimati ssollevaw din il-materja fi stadju hekk matur ta' gbir ta' provi. Pero dana jista' jkun rizultat ta' ragunijiet storici li sehhew recentement (vide App Sup) fl-ismijiet "Grech Anthony vs Calleja Claire et" (Nru 11/2007) deciz. fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Frar 2008.

Illi l-istitut tas-soprasessjoni huwa mizura ta'natura eccezzjonali li tinstab biss fl-Art 46(3) tal-Kostituzzjoni. Altrimenti hi diskrezzjonali kompletament jekk tintlaqax jew le. Una volta li l-proceduri gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ttiehdu mill-intimati stess, ir-rimedju mitlub jibqa' biss fakoltattiv.

Illi dan it-Tribunal isib rifugju f'diversi sentenzi li nghataw mill-Qrati nostrali f'materji identici. L-iskop ta' dan ir-rimedju huwa li jwaqqaf totalment proceduri gia vigenti,

konsegwenza li ma gietx accettata mill-Qrati taghna kif rizultanti f'diversi sentenzi anke ta' natura kostituzzjonali.

In vista li 1) l-obbligu ta' min jisma u jiddeciedi huwa li jisma u jiddeciedi fi zmien ragjonevoli skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kawza.

2) is-soprasessjoni ma hiex kontemplata fis-sistema giuridiku lokali hlief fil- "lis alibi pendens" u l-konnessjoni ta' kawzi, din il-procedura trid tigi applikata bl-aktar mod ristrettiv (vide Imhallef A.Depasquale vs Avukat Generali moghtija – fl-ewwel (1) ta' Gunju 2001).

Illi l-iskop tas-soprasessjoni huwa kif diga inghad li jiffrena proceduri attwali vigenti. Allura trid tkun akbar ic-certezza f'mohh il-gudikant li tkun necessarja. Dana sabiex issir gustizzja ma dik il-parti li tidher quddiem Qorti jew Tribunal. Il-Qorti jew it-Tribunal ghandhu jkun ta' suffragju ghac-cittadin li jirrikorri lejh, mhux mezz stultifikattiv ghall esercizzju ta' dak allegat dritt!

Illi dana johrog minn sentenzi bhala "Spiteri vs Sghendo" (Qorti Appell Superjuri). "Alf. Mifsud vs Prim Ministru" – ghoxrin (20) ta' Lulju 1994 : "Law Cuschieri vs Prim Ministru" , u dik aktar ricenti fl-ismijiet Paraggi Holdings Ltd vs Ros Darmanin et per Imhallef Anna Felice (Prim Awla tnejn (2) ta' Mejju 2007).

Illi f'din l-ahhar sentenza citata l-Onorabbli Prim Awla stharrget talba identika. Illi dan it-Tribunal ma jistghax jiddipartixxi minn dan l-insenjament. Aktar u aktar dan milli jista' jifhem peress ma gietx prezentata kopja tar-rikors Kostituzzjonali - dak li qed jigi attakkat huwa l-komposizzjoni tat-Tribunal u mhux it-talba 'ad hoc' ta' l-istess rikorrenti. Allura l-meritu ma giex minsus. Multo magis it-Tribunal isib konfort u li ma ghandhux ghalfejn jakkorda t-talba tal-intimati.

Illi dak li jista' jsir pero biex ma jkun hemm l-ebda xintill li jista' jidher li mhux qed isir gustizzja izda jidher li effettivament qed isir gustizzja u li jkun opportun li tali posizzjoni tkun potenzjalment tigi riveduta ancorche fi stadju matur ghad-decizjoni tieghu wara lii tittiehed in konsiderazzjoni l-istadju ta' dawk il-proceduri.

Ghalhekk it-Tribunal jiddeciedi illi jichad it-talba ghas-soprasessjoni u jordna il-prosegwiment tal-kaz.

---

**Avukat Joseph P. Bonnici LL.D., Adv. Trib. Eccles. Melit**
**Chairman**